MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2012

Rikors Numru. 980/2012

**Rikors ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni Numru 1235/2011/RCP fl-ismijiet:-**

**FourX limited (C-14386)**

**vs**

**Mediterranean Flower Products Limited (C-2197)**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors tas-socjeta` Mediterranean Flower Products Limited [C-2197] ta' 'The Croft', Triq il-Kappar, Attard prezentat fit-3 ta' Settembru 2012 fejn esponiet: -

1. Illi permezz ta' Digriet moghti minn dina l-Onorabbli Qorti fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet fuq premessi

datat 29 ta' Settembru 2011, it-talba ghall-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet fuq premessi giet milqugha u nhareg l-imsemmi Mandat fil-konfront tas-socjeta` esponenti li, in virtu` tieghu, hija mwaqqfa milli tbiegh jew tittrasferixxi kwalsiasi proprjeta` li tappartjeni lilha, senjatament izda mhux limitatament ghall-Plots A, C u D indikati fir-rikors promoter ghall-hrug tal-Mandat *de quo*;

2. Illi s-socjeta` rikorrenti talbet il-hrug ta' dan il-Mandat peress illi tippretendi li hija intitolata li tezigi minn ghand is-socjeta` esponenti l-hlas ta' penali fis-somma ta' elfejn tlett mija disa u ghoxrin punt tlieta sebgha ewro (€2,329.37) kuljum *ai termini* ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Anthony Abela tal-10 ta Gunju 1998.

3. Illi b'danakollu, jirrizulta illi t-talba tas-socjeta` rikorrenti ghall-hrug ta' dan il-Mandat kawtelatorju, saret minghajr ma gew osservati r-rekwiziti tad-dispozizzjonijiet tal-**artikoli 831 u 832 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta** ghall-hrug ta' mandat kawtelatorju, u effettivament l-istess talba saret u giet akkolta minghajr ma gie indikat l-ammont li ghalih tammonta t-talba.

4. Illi fil-fatt, skont id-dispozizzjonijiet tal-imsemmi **artikolu 831**, dan ir-rekwizit, illi fit-talba ghall-hrug tal-Mandat jigi indikat il-valur tat-talba fejn id-dritt imfittex li jkun kawtelat bl-att kawtelatorju, bhal ma huwa d-dritt pretiz mis-socjeta` rikorrenti f'dan il-kaz, huwa wiehed mehtieg *ad validitatem*, bil-konsegwenza illi n-nuqqas ta' indikazzjoni ta' wahda mill-partikolaritajiet imsemmija fid-dispozizzjonijiet tal-imsemmi **artikolu 831**, igib in-nullita` ta' l-att kawtelatorju relattiv:-

**831.** **"**(1) ***It-talba għall-ħruġ ta' xi wieħed mill-atti msemmija*** *għandha ssir b'rikors imħejji mir-rikorrenti u* ***għandu jkun fiha, taħt il-piena tan-nullità tal-att****, minbarra partikolaritajiet oħra li jistgħu jkunu ordnati b'regolamenti:*

*(a) l-oriġini u x-xorta tad-debitu jew il-pretensjoni li wieħed ikun irid iqiegħed fiż-żgur; u*

*(b)* ***fejn id-dritt imfittex li jkun assikurat bl-att huwa dejn, jew talba li tista' tkun sodisfatta bil-ħlas ta' ammont ta' flus, l-ammont li għalih tammonta t-talba.***

*Jekk il-kawża tkun diġà ġiet ippreżentata fil-qorti, dik it-talba tista' tispeċifika u tinkludi l-ispejjeż ġudizzjarji kollha*...." [Enfazi mizjuda]

5. Effettivament, tant il-partikolaritajiet mfissra fl-imsemmija Artikoli huma mehtiega b'mod *ad validitatem* ghall-hrug ta' att kawtelatorju, illi dawn il-partikolaritajiet gew indikati espressament fil-formola appozita ikkrejata in linea ta' *template* ghat-talbiet ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizjoni fejn id-dritt imfittex li jkun assigurat huwa dejn jew talba ohra li tista' tigi sodisfatta bi hlas ta' flus, sabiex dawn id-dettalji relattivi jigu forniti mir-rikorrent [Kreditu: ____].

6. Illi f'dan il-kaz, l-indikazzjoni fil-formola tal-Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet fuq premessi, tas-somma tal-kreditu jew pretensjoni tas-socjeta` rikorrenti, hija kompletament nieqsa.

7. Illi *inoltre*, u minghajr pregudizzju ghall-premess, jigi rilevat illi f'dan il-kaz, meta saret it-talba ghall-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni *de quo* da parti tas-socjeta` rikorrenti, kienet diga` giet ipprezentata kawza fil-qorti mill-istess socjeta` rikorrenti ghal-likwidazzjoni tal-kreditu minnha pretiz in linea ta' penali kif fuq premess, (Rikors Guramentat Numru 104/10 fl-ismijiet **Fourx Limited vs Mediterranean Flower Products Limited et**)u f'dan ir-rigward, issir referenza wkoll ghad-dispozizzjonijiet ta' l-**artikolu 832 tal-Kapitolu 12** illi jirrikjedu li anke f'dan il-kaz, meta l-jedd li qed ifittex li jigi kawtelat bil-mandat ikun kreditu, jew pretensjoni li tista' tkun sodisfatta bi ħlas ta' somma ta' flus u tkun diga` giet ipprezentata kawza fil-qorti, **l-indikazzjoni tas-somma tal-kreditu jew pretensjoni hija rikjesta taht piena ta' nullita`**. Jirrizulta wkoll li lanqas fil-korp tat-talba guramentata tas-socjeta` rikorrenti, ma saret xi referenza ghall-ammont tal-kreditu li qed tippretendi s-socjeta` rikorrenti:-

**832** "*Meta l-jedd li wieħed irid iqiegħed fiż-żgur bil-mandat ikun kreditu, jew pretensjoni li tista' tkun sodisfatta bi ħlas ta'somma ta' flus, ir-rikorrent fid-dikjarazzjoni bil-ġurament imsemmija fl-aħħar artikolu qabel dan,* ***għandu jgħid kemm hija bejn wieħed u ieħor, fil-fehma tiegħu, is-somma tal-kreditu jew pretensjoni tiegħu****, u jekk tkun ġiet preżentata kawża fil-qorti, dik it-talba tista' tispeċifika u tinkludi l-ispejjeż ġudizzjarji, taħt piena tan-nullità tal-mandat*."

8. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, bit-talba kif maghmula mis-socjeta` rikorrenti ghall-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni, minghajr ebda ammont pretiz specifikat, is-socjeta` esponenti giet ukoll prekluza mill-fakolta' moghtija mil-Ligi li tipprova kif il-kreditu vantat huwa ezagerat b'mira ir-riduzzjoni tal-ammont ikkawtelat permezz tal-Mandat, ghalkemm f'dan il-kaz ghandu logikament isegwi li l-kreditu indefinit li tippretendi s-socjeta` rikorrenti huwa infinitament ezagerat, liema difett ghandhu jwassal ukoll ghan-nullita`.

9. Illi ghalhekk, jirrizulta ampjament illi l-Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet fuq premessi huwa null *stante* illi jonqos fit-talba ghall-hrug tieghu, l-indikazzjoni ta' l-ammont li ghalih tammonta l-istess talba jew tas-somma tal-kreditu anke b'mod approssimattiv, u dan bi ksur tal-**artikoli 831 u 832 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta** li jipprovdu espressament illi dan in-nuqqas ghandu jwassal n-nullita` tal-Mandat relattiv u kwindi, in-nullita` hija dikjarata espressament mill-Ligi *a tenur* tal-**artikolu 789(1)(a).**

Ghaldaqstant, is-socjeta` esponenti, filwaqt illi taghmel referenza ghal dak kollu fuq premes u ghad-dispozizzjonijiet tal-**artikoli 831 u 832 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta**, titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti tiddikjara illi l-Mandat ta' Inibizzjoni Numru 1235/11 huwa null u konsegwentement tirrevoka l-istess Mandat ta' Inibizzjoni u tordna l-hrug tal-kontro mandat opportun.

Bl-ispejjez kollha ta' din il-procedura u dawk il-proceduri in konnessjoni mal-procedura ghall-hrug tal-istess Mandat

ta' Inibizzjoni bin-Numru 1235/11, kontra s-socjeta` Fourx Limited.

Salv kull provvediment iehor li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq.

Rat id-digriet tal-4 ta' Settembru 2012 fejn il-Qorti ordnat in-notifika tal-istess rikors lill-kontro-parti b'jumejn (2) zmien ghar-risposta.

Rat ir-risposta tas-socjeta` Four X Limited (C 14386) ta' John Vella Holdings datata 6 ta' Settembru 2012 a fol 8 tal-process fejn esponiet: -

Illi s-soċjetá esponenti qiegħda tippreżenta din ir-risposta entru t-terminu ta' jumejn (2) konċess lilha mill-Onorabbli Qorti għar-rikors intavolat minn Mediterranean Flower Products Limited nhar it-3 ta' Settembru 2012;

Illi permezz ta' dan ir-rikors is-soċjetá intimata talbet dikjarazzjoni li l-Mandat ta' Inibizzjoni numru 1235/11 huwa null, u r-revoka tal-istess Mandat u l-ħruġ ta' kontro-mandat;

1. Illi preliminarjament, Mandat kawtelatorju jista' jiġi attakkat biss abbażi tal-**artikolu 836 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, liema artikolu jispeċifika l-uniku raġunijiet li jistgħu jwasslu għar-revoka ta' Mandat kawtelatorju;

Illi l-ewwelnett f'dan ir-rigward, is-soċjetá intimata naqset milli tindika l-bażi tar-rikors tagħha ai termini tal-**artikolu 836**;

Illi *di piú* fil-mertu tar-rikors odjern in effetti ma jirriżulta li tissussisti ebda waħda mir-raġunijiet speċifikati fl-**artikolu 836**, li huma s-segwenti:

*"(a) li l-att kawtelatorju m'għadux iktar fis-seħħ;*

*(b) li waħda mill-ħtiġiet tal-liġi għall-ħruġ tal-att kawtelatorju ma tkunx għadha fil-fatt teżisti;*

*(c) li jkun hemm garanzija xierqa oħra sabiex tissodisfa lpretensjoni ta' min ikun talab il-ħruġ tal-att kawtelatorju sew bil-ħruġ ta' att kawtelatorju ieħor, jew inkella jekk dik il-garanzija oħra tista' għassodisfazzjon tal-qorti tassigura biżżejjed il-pretensjoni; jew*

*(d) jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie ġustifikat jew ikun eċċessiv; jew*

*(e) jekk il-garanzija mogħtija titqies mill-qorti li tkun biżżejjed; jew*

*(f) jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli."*

Illi fid-digriet datat 29 ta' Settembru 2011 permezz ta' liema l-Onorabbli Qorti laqgħet it-talba għall-ħruġ tal-Mandat, il-Qorti qagħlet hekk:

*"Peress li fil-fehma tagħha f'dan il-każ jikkonkorru r-rekwiżiti tal-**artikolu 874 tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta** u dan għax il-mandat mitlub jidher li hu meħtieġ biex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrenti"*;

Illi kif intqal mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża bl-ismijiet ***Taormina Holdings Limited vs Biochemicals International Limited*** datata 30 ta' Ottubru 2003, proċeduri għall-ħruġ ta' kontro-mandat (bħall-proċeduri odjerni):

*"mhux intiżi biex iservu ta' reviżjoni għar-rigward tal-ordni tal-ħruġ tal-mandat. Dawn il-proċeduri jsiru sabiex jiġi stabbilit jekk jezistux l-estremi li trid il-liġi, skont il-provedimenti tal-**artikolu 836 tal-Kapitolu 12**, sabiex il-mandat jiġi revokat in parte jew in toto"*;

Illi għalhekk il-proċeduri odjerni ma jistgħux jintużaw sabiex mandat jiġi attakkat abbażi tar-rekwiżiti għall-ħruġ

tiegħu, bħalma qed tipprova tagħmel is-soċjetá intimata, billi dawn il-proċeduri ma jservux ta' appell;

2. Illi minn digriet li jilqa' l-ħruġ ta' mandat kawtelatorju lanqas jista' jsir appell *ai termini* tal-**artikolu 229 tal-Kap. 12**, billi dan it-tip ta' digriet la hu interlokutorju u lanqas ma hu definittiv, iżda jrid bil-fors jintalab il-ħruġ ta' kontro-mandat abbażi tal-**artikolu 836,** jew fl-alternattiva tinbeda azzjoni separata *ad hoc*;

Illi dan il-prinċipju ġie spjegat fid-dettall mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fis-sentenza bl-ismijiet ***Paul Tanti pro et noe vs Sammy u Joseph Mifsud pro et noe*** datata 19 ta' Novembru 2001 li kienet tikkonċerna każ fejn inħareġ mandat kontra persuni possibilment żbaljati, liema Qorti kkwotat is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet ***Darryl Francis Grima proprio et nomine vs L-Onorevoli Prim Ministru et nomine*** tal-21 ta' Ġunju 1988:

*"Il-ġurisprudenza hekk tgħallem fir-rigward. Fis-sentenza "Darryl Francis Grima proprio et nomine vs L-Onorevoli Prim Ministru et nomine" deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-21 ta' Ġunju 1988 f'kawża li l-mertu tagħha kien jirrigwarda mandat ta' inibizzjoni, eminentement att kawtelatorju, dik il-Qorti hekk ikkonsidrat:-*

*"Hija ġurisprudenza ta' dawn il-Qrati (vide Rikors ta'* **Edgar Baldacchino et vs Joseph Bellizzi** *deċiż mill-Qorti tal-Appell fl-10 ta' Awwissu 1953 [Kollez. Vol. XXXVII.i.519]) illi hemm tlett xorta ta' digrieti, ċioé dawk definittivi, dawk interlokutorji u dawk li la huma definittivi u lanqas interlokutorji. Għall-ewwel u t-tieni kategorija ta' digriet hemm appell, <u>għat-tielet kategorija appell dirett quddiem il-Qorti ma hemmx. U min irid jimpunjah la m'huwiex digriet interlokutorju jew definitiv ma jistax jimpunjah permezz ta' appell dirett iżda biss permezz ta' ċitazzjoni in kontradittorju tal-kontroparti</u> fil-Qorti li tkun emanat id-digriet. U mis-sentenza li tingħata fuq dik iċ-ċitazzjoni jista' jkun hemm anke appell."*

*Il-Qorti Kostituzzjonali rribadiet illi digriet dwar mandati kawtelatorji bħalma huma dawk ta' inibizzjoni u mandat ta' sekwestru, ma setgħux jitqiesu definitivi "għax ma hemmx il-kontroversja bejn il-partijiet u lanqas ir-rabta lill-Ġudikant, lanqas ma jista' jiġi kunsidrat bħala interlokutorju.* *Lanqas ma huma parti inċidentali tal-ġudizzju iżda jifforma biss parti mill-atti tal-mandat relattiv. Id-digriet huwa revokabbli biss mill-istess Qorti li tagħtu fuq talba b'ċitazzjoni ta' l-interessat meta fil-ġudizzju diskrezzjonali tagħha, l-Qorti tara raġuni tajba biex tiġġustifika r-revoka, salv lill-qorti fi grad ta' appell is-setgħa li tirrevoka s-sentenza relattiva fil-każ ta' vjolazzjoni tal-liġi jew errur manifest u dannu rriparabbli jew raġuni oħra tajba skont il-liġi." (Vol.XXXVII.i.519, Vol.XXXVIII.i.336, Vol. XLVI.i.24)"*;

Illi għalhekk is-soċjetá intimata kellha għażla jew li tipproċedi għall-ħruġ ta' kontro-mandat ai termini tal-artikolu 836, kif mit-talba tagħha għall-ħruġ ta' kontro-mandat jidher li qed tagħmel, jew li tattakka d-digriet tal-Onorabbli Qorti billi tagħmel azzjoni separata ad hoc *"in kontradittorju tal-kontroparti"*, u dan kif spjegat l-Onorabbli Qorti fis-sentenza suċċitata, kif ukoll fis-sentenza ***Victor Vassallo vs Edwin Bartolo et*** tas-27 ta' Ġunju 2003 li kienet tirrigwarda Mandat maħruġ minn Qorti inkompetenti:

*"L-ispedizzjoni tal-mandat ma għandhiex tiġi ritardata ħlief jew minħabba xi difett fir-rekwiżiti ta' forma preskritta mil-liġi, għax tkun kontra xi projbizzjoni jew restrizzjoni fid-disposizzjonijiet dwar il-mandat; u għalhekk meta jiġi mitlub il-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni, u tiġi sollevata l-kwestjoni jekk il-Qorti adita hijiex kompetenti, dak mhux l-istadju li fih tista' tiġi dibattuta l-kwestjoni tal-kompetenza imma kwestjoni simili tista' tiġi nvestita in segwitu għall-mandat kif preskritt mil-ligi, jew b'azzjoni ad hoc"*;

3. Illi, mingħajr preġudizzju, fil-kawża odjerna s-soċjetá intimata lanqas m'hi qiegħda tattakka d-digriet li bih il-Qorti laqgħet it-talba għall-ħruġ tal-Mandat, iżda qiegħda tattakka l-Mandat innifsu tramite attakk fuq ir-rikors li bih l-esponenti talbet il-ħruġ tal-Mandat;

Illi ġjaladarba ingħata digriet mill-Qorti jilqa' t-talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni kif kontenuta fir-rikors tas-soċjetá esponenti, is-soċjetá intimata ma tistax tattakka l-Mandat billi tattakka r-rikors li bih saret it-talba għall-Mandat, iżda semmai is-soċjetá intimata kellha tattakka d-digriet tal-Onorabbli Qorti, **billi dan id-digriet għandu bħal sentenza tal-Qorti jitqies bħala ġudikat, u b'hekk jassorbi kull eċċezzjoni li kien imissha, jew setgħet, ġiet sollevata fil-mertu**;

Illi dan huwa prinċipju ben stabbilit u komfortat bil-ġurisprudenza tal-Qrati nostrani fir-rigward tas-sentenzi tal-Qrati, u għar-raġunijiet li ser jiġu spjegati għandu jiġi applikat bl-istess mod għal digrieti tal-Qorti;

Illi l-prinċipju msemmi fil-premess ġie deskritt tajjeb mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fis-sentenza bl-ismijiet ***Anna Magro v. Emmanuela Psaila f'isimha proprju għal kull interess li għandha u bħala leġittima rappresentanti ta' binha minuri Peter Paul Psaila*** datata s-6 ta' Diċembru 2002:

*"**Il-ġudikat** jassorbixxi kull eċċezzjoni li, in mertu għall-azzjoni kien imissha jew setgħet tiġi sollevata in relazzjoni ma l-azzjoni stess. U meta hemm il-ġudikat mhumiex ammissibbli eċċezzjonijiet ġodda li jkollhom bħala effett li jiddistruġġu jew jirrestrinġu l-effett tal-ġudikat.*

*In-nullitajiet jistgħu jkunu jew dikjarati "expressis verbis" jew le. Bħala regola ġenerali, il-liġijiet u d-dottrina, u l-liġi tagħna in partikolari, ma jiffavorux in-nullitajiet; anzi jippropendu kemm jista' jkun għat-teżi tal-validitá tal-att li jkun hemm diskussjoni fuqu. Anki fejn in-nullitá hija dikjarata espressament mil-liġi, hija ma toperax qatt waħedha b'mod li, jekk l-att ikun sentenza, tnaqqas 'motu proprio' il-karattru ta' ġudikat ta' dik is-sentenza; imma huwa meħtieġ li dik in-nullitá tiġi proposta mill-interessati fi żmien utli u b'wieħed mill-mezzi li trid u biss tirrikjedi l-liġi.*

*Meta s-sentenza tgħaddi f'ġudikat, għax ma tiġix appellata jew ritrattata, jew għaliex, jekk appellata jew ritrattata, tiġi konfermata, hija ssir irrevokabbli; u ma jkunx aktar leċitu li*

*tinfetah diskussjoni fuqha, lanqas jekk tkun, forsi, inġusta. Għax jekk min hu interessat ma jużax mir-rimedju li tagħtih il-liġi biex iwaqqa' sentenza bħala nulla, ma għandux raġuni jilmenta mill-inflessibilitá tal-prinċipju ta' l-irrevokabillitá tas-sentenza"*;

Illi b'dan il-Qorti spjegat li anke meta n-nullitá tissemma espressament mil-liġi din trid titqajjem bħala eċċezzjoni, jew tul is-smiegħ ta' kawża, jew fl-istadju ta' appell jew ritrattazzjoni;

Illi semmai argumenti dwar il-validitá o meno tar-rikors oriġinali tas-soċjetá intimata kellhom jitqajjmu qabel ingħata d-digriet li bih il-Qorti laqgħet il-ħruġ tal-Mandat;

Illi dawn l-argumenti ma jistgħux jitqajmu f'dan l-istadju billi l-proċeduri odjerni għall-ħruġ ta' kontro-mandat (ai termini tal-artikolu 836) huma proċeduri speċjali li joħorġu mil-liġi, u kif ġie spjegat fuq, ma jistgħux iservu bħala appell mid-digriet li bih il-Qorti laqgħet it-talba għall-ħruġ tal-Mandat;

Illi bħal sentenzi tal-Qrati, digrieti li jilqgħu talbiet għall-ħruġ ta' mandat għandhom jitqisu **ġudikati** u dan billi digrieti bħal dawn, kif diġa ġie spjegat permezz tal-kwotazzjoni mis-sentenza ***Paul Tanti pro et noe vs Sammy u Joseph Mifsud pro et noe***, m'humiex digrieti interlokutorji;

Illi r-regola li digrieti ma jagħmlux ġudikat għall-Qorti tapplika biss għal digrieti interlokutorji, kif joħroġ mill-**artikolu 230 tal-Kap. 12**:

*"Id-digrieti interlokutorji ma jagħmlux ġudikat għall-qorti li tkun tathom, meta tinġieb raġuni sewwa, fil-fehma tal-qorti, biex titbiegħed minnhom"*;

Illi dan l-argument huwa msaħħaħ b'dak li qagħlet l-Onorabbli Prim' Awla fis-sentenza bl-ismijiet ***Linknet Limited et v. Terranet Ltd.*** datata 5 ta' Marzu 2001:

*"Fit-tieni lok jingħad li l-***artikolu 229 tal-Kap 12** *li jirregola d-drittijiet tal-partijiet milquta b'digrieti tal-Qorti, huwa intiż sabiex jipprovdi mezz ta' appell jew "rikonsiderazzjoni" mill-Qorti, minn digrieti "interlokutorji" u mhux minn kull digriet ieħor li din il-Qorti tista' tiġi mitluba tippronunzja fuq talba ta' parti interessata...*

*Dan premess din il-Qorti hija tal-fehma li l-mezz użat mis-soċjetá Terranet sabiex tottjeni rimedju għall-inġustizzja minnha allegata, mhux wieħed idoneu billi l-liġi tal-proċedura ma tikkontemplax talba simili b'rikors u* ***r-regola li digriet ma jagħmilx ġudikat għal Qorti li tagħtih tapplika biss għad-digrieti ma jagħmilx ġudikat għal Qorti li tagħtih tapplika biss għad-digrieti interlokutorji kif previst fl-artikolu 230 tal-Kap 12****"*;

Illi għalhekk, minħabba li, kif ukoll ġie spjegat, fil-każ ta' mandat lanqas biss jista' jsir appell abbażi tal-**artikolu 229 tal-Kap. 12**, huwa ċar li ma jeżisti ebda rimedju li bih is-soċjetá intimata tista' tattakka l-ħruġ tal-mandat abbażi ta' nuqqasijiet li seta' kien hemm fir-rikors li bih intalab il-mandat, billi d-digriet tal-Qorti huwa **ġudikat**;

4. Illi mingħajr preġudizzju, ma kien hemm ebda żball jew irregolaritá fir-rikors li bih intalab il-ħruġ tal-Mandat

Illi hija prassi komuni u aċċettata illi meta fuq formola tal-qorti, bħal dik ta' rikors għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni, ma jkunx hemm biżżejjed spazju sabiex dak li jkun qed jagħmel użu minnha jispjega l-pretensjoni tiegħu b'mod suffiċjenti, dan jista' jikteb l-istess spjegazzjoni fuq karti żejda u jannetti dawn il-karti mall-formola, kif fil-fatt ġara fil-każ odjern;

Illi għal kuntrarju ta' dak li jingħad mis-soċjetá intimata, minkejja li l-parti tal-formola li tispeċifika "Kreditu:" tħalliet vojta, is-soċjetá esponenti speċifikat sa fejn setgħet l-ammont tal-kreditu pretiż minnha fl-ammont ta' €2,329.37 kuljum mit-18 ta' Diċembru 2008 sad-data tal-effettiv żgombru mill-proprjetá li tifforma s-suġġett tal-istess kuntratt;

Illi mingħajr preġudizzju, is-soċjetá esponenti tinnota li jeżistu żewġ formoli ta' rikors għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni, waħda fejn il-jedd li jrid jiġi protett ma jkunx kreditu, u f'dan il-każ il-formola relattiva ma tispeċifikax "Kreditu:", u formola separata fejn bl-istess mod isir rikors għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni u t-talba tkun teċċedi €11,646.86, liema formola tikkontjeni spazju fejn jitniżżel il-kreditu;

Illi s-soċjetá esponenti użat il-formola ta' Mandat ta' Inibizzjoni (fejn it-talba teċċedi €11,646.86) minħabba li huwa ovju fiċ-ċirkostanzi tal-kawża odjerna li t-talba teċċedi dan l-ammont, iżda wieħed ma jistax ma jqisx illi din il-kawża mhix sempliċi *money-claim* billi l-ammont pretiż jiżdied b'€2,329.37 kuljum, u b'hekk huwa impossibbli li jiġi determinat ammont, anke *bejn wieħed u ieħor* tat-talba;

Illi għalhekk ma jistax jingħad li t-talba fil-kawża odjerna hija sempliċiment *"dejn, jew talba li tista' tkun sodisfatta bil-ħlas ta' ammont ta' flus"* (artikolu 831) jew *"kreditu, jew pretensjoni li tista' tkun sodisfatta bi ħlas ta' somma ta' flus"* (artikolu 832) u dan minħabba li l-ammont qed jiżdied b'rata mgħaġġla u f'ammonti kbar ta' flus;

Illi dan tant hu minnu li s-soċjetá intimata stess fir-rikors tagħha ma ppruvatx tgħid l-ammont kemm hu, u anke fir-rikors tat-13 ta' Lulju 2012 fi premessa numru disgħa (9) semmiet il-possibilitá ta' penali fl-ammont ta' €2,000,000 u fi premessa numru tnax (12) semmiet il-possibilitá ta' penali fl-ammont ta' €3,200,000, żewġ figuri b'differenza ta' aktar minn miljun ewro bejniethom;

Illi iktar minn hekk is-soċjetá esponenti għadha ssostni li l-penali għadha qed tiskatta billi għadha mhix fil-pussess tal-art, u b'hekk lanqas f'dan l-istadju ma jista' jiġi speċifikat ammont;

Illi għalhekk jekk l-esponenti tingħata r-raġun fil-mertu l-ammont tal-penali dovut lilha għadu qed jikber;

5. Illi mingħajr preġudizzju, anke li kieku intużat il-formola żbaljata, m'għandhiex tagħmel differenza fil-validitá tar-rikors billi dik hi sempliċi formola u m'għandhiex taffettwa s-sustanza;

6. Illi mingħajr preġudizzju, li kieku għall-mod tal-argument fiż-żmien tallum setgħet issir evalwazzjoni tal-ammont dovut lis-soċjetá esponenti (l-esponenti tiċħad li dan jista' jsir, kif spjegat fir-risposta tagħha għar-rikors tal-intimata tat-13 ta' Lulju 2012), fiż-żmien meta ġie intavolat ir-rikors għall-ħruġ ta' Mandat kawtelatorju u meta ġiet intavolata l-kawża fil-mertu, mingħajr dubju ta' xejn, ma setax jiġi speċifikat ammont ċert;

7. Illi fit-tmien (8) premessa tar-rikors tagħha s-soċjetá intimata tallega żvantaġġ billi tgħid li hija *"prekluża mill-fakoltá mogħtija mill-Liġi li tipprova kif il-kreditu vantat huwa eżaġerat b'mira ir-riduzzjoni ta' l-ammont ikkawtelat permezz tal-Mandat"*;

Illi l-ewwelnett dan l-allegat żvantaġġ ikun jeżisti f'kull każ meta jsir Mandat ta' Inibizzjoni li ma jkunx qed jikkawtela jedd ta' kreditu f'ammont ċert, u għalhekk ma jistax iwassal għar-revoka tal-mandat;

Illi fil-każ odjern il-proprju ammont dovut lill-esponenti huwa għal kollox dipendenti fuq id-deċiżjoni fil-mertu;

Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, dan il-fatt ma waqqafx lis-soċjetá intimata milli tallega li l-ammont ikkawtelat huwa wieħed eċċessiv fir-rikors tagħha tat-13 ta' Lulju 2012;

Illi mingħajr ma ssir ripetizzjoni, l-allegazzjoni li l-ammont ikkawtelat huwa eċċessiv ġiet diskussa fit-tul fir-risposta tas-soċjetá esponenti għar-rikors tat-13 ta' Lulju 2012;

8. Illi finalment u sussidjarjament, mingħajr preġudizzju għal dak kollu suespost, is-soċjetá esponenti tinnota kif is-soċjetá intimata tikkontradixxi lilha nnifisha, u dan billi fir-rikors tat-13 ta' Lulju 2012 hi talbet ir-revoka parzjali tal-Mandat u hekk irrikonoxxiet hi stess il-ħtieġa tal-Mandat,

jew aktar preċiżament parti kbira minnu, mentri fir-rikors odjern qiegħda titlob ir-revoka tal-Mandat *in toto*;

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha premessi, is-soċjetá esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet kollha kontenuti fir-rikors tas-soċjetá intimata datat it-3 ta' Settembru 2012.

Bl-ispejjeż.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti kollha pprezentati.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija talba maghmula b'rikors sabiex jigi revokat Mandat ta' Inibizzjoni peress li ma giex indikat l-ammont ta' kreditu fir-rikors ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni, rikors li gie milqugh minn din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Tonio Mallia datat 29 ta' Settembru 2011 fl-ismijiet premessi **"FourX Limited vs Mediterranean Flower Products Limited" (Mandat ta' Inibizzjoni Numru 1235/11)"** u dan wara li l-istess socjeta' rikorrenti odjerna ma qajmitx dan il-gravamm lanqas meta hija kienet qed topponi l-hrug ta' tali Mandat, u fil-fatt tali rikors gie milqugh ghaliex inghad mill-Qorti li *"fil-fehma taghha f'dan il-kaz jikkonkorru r-rekwiziti tal-artikolu 874 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u dan ghax il-mandat mitlub jidher li hu mehtieg biex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrenti".*

Illi fil-fatt illum hemm kawza bejn il-partijiet li ghad trid tigi deciza, u gie prezentat rikors skont id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 836 tal-Kap. 12** ghar-revoka ta' l-istess mandat liema rikors fl-ismijiet premessi gie degretat fis-7 ta' Settembru 2012.

Illi llum saret din il-procedura ghar-revoka tal-istess Mandat, izda jidher car li din il-procedura ma saritx abbazi tal-**artikolu 836 tal-Kap. 12** u fil-fatt imkien fl-istess rikors

ma hemm indikat xi disposizzjoni li fuqha qed tigi bbazata l-istess talba hemm kontenuta fir-rikors odjern.

Illi allura ladarba tali rikors ma sarx taht id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 836 tal-Kap 12,** mela allura tali talba tista' ssir biss permezz ta' rikors guramentat (**"Paul Tanti proprio et nomine vs Sammy Mifsud et"** (A.C. – 19 ta' Novembru 2001); **"Darryl Francis Grima proprio et nomine vs l-Onorevoli Prim Ministru"** (Q.K. – 21 ta' Gunju 1988).

Illi ma hemmx dubju li hawn l-anqas l-**artikolu 229 tal-Kap. 12** ma japplika ghaliex dawn jittrattaw kollha appelli minn digrieti li jinghataw waqt li kawza tkun miexja u fil-atti ta' din il-kawza u fil-kors tal-istess kawza u certament dan ma huwiex il-kaz odjern tant li r-rikors sar fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni msemmi fl-okkju ta' dan ir-rikors **("Victor Vassallo vs Edwin Bartolo et"** (P.A. (PS) – 27 ta' Gunju 2003).

Illi ghalhekk it-talba qed tigi michuda ghaliex din mhix il-procedura idonea.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddiecidi,** billi filwaqt li **tilqa' r-risposta tas-socjeta' intimata odjerna FourX Limited** datata 6 ta' Settembru 2012 biss in kwantu l-istess hija konsistenti ma' dak hawn deciz, **tichad it-talba tas-socjeta' rikorrenti odjerna Mediterranean Flower Products Limited fir-rikors taghha datat 3 ta' Settembru 2012** ghaliex hija nfondata fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi.

**Bl-ispejjez kontra s-socjeta' rikorrenti odjerna Mediterranean Flower Products Limited.**

**Degretat**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------